PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0051/2013

27.2.2013

***I
RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti miżuri tekniċi u ta' kontroll fi Skagerrak u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 850/98 u r-Regolament (KE) Nru 1342/2008
(COM(2012)0471 – C7-0234/2012 – 2012/0232(COD))

Kumitat għas-Sajd

Relatur: Werner Kuhn

Magħquda fid-diversità

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
(III)	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva.*** Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa **grassa**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: **[...]**.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 24

PROĊEDURA 29

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti miżuri tekniċi u ta' kontroll fi Skagerrak u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 850/98 u r-Regolament (KE) Nru 1342/2008 (COM(2012)0471 – C7-0431/2011 – 2012/0232(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2012)0471),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0431/2011),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-14 ta' Novembru 2012[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A7-0051/2013),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa -1 (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1) Peress li l-Iskagerrak tirrappreżenta l-uniku baħar komuni bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi li mhuwiex regolat bi ftehim tas-sajd, fejn japplikaw il-kwoti u fejn pajjiżi terzi stabilixxew obbligu ta'

[1] Għadha mhix ippublikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali.

	ħatt l-art tal-qabdiet kollha, huwa raġonevoli li jkun previst sett speċifiku ta' regoli fir-rigward tal-kontroll u l-miżuri tekniċi għall-Iskagerrak li huwa differenti mir-regoli ġenerali applikabbli fl-Unjoni.

Ġustifikazzjoni

L-Unjoni Ewropea taqsam ħafna mill-ilmijiet tas-sajd tagħħa ma' pajjiżi mhux Stati Membri. Il-Baħar Mediterran, il-Baħar l-Iswed u l-Baħar Baltiku huma lkoll ibħra li pajjiżi jaqsmu bejniethom. L-Iskagerrak u l-Baħar tat-Tramuntana huma l-uniċi ibħra fejn stat mhux membru tal-UE (in-Norveġja) għandu l-obbligu ta' ħatt l-art. Dak li jiddistingwi l-Iskagerrak hu li n-Norveġja ddenunzjat il-ftehim tas-sajd tal-1986 li jkopri l-Iskagerrak. Id-denunzja kellha effett fl-1 ta' Novembru 2012. Ftehim limitat ġdid qiegħed jiġi negozjat, iżda hemm inċertezza dwar meta se jidħol fis-seħħ. Fuq din il-bażi, reġim speċifiku għall-Iskagerrak huwa loġiku.

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Waqt il-Konsultazzjonijiet dwar is-Sajd bejn l-Unjoni u n-Norveġja tat-28 ta' Ġunju 2012, ġew speċifikati miżuri tekniċi u ta' kontroll komuni li għandhom jiġu applikati *fi Skagerrak*, lista ta' speċijiet li għandhom ikunu koperti minn obbligu ta' ħatt l-art tal-qabdiet kollha u l-iskeda li biha dawn l-ispeċijiet għandhom ikunu progressivament inklużi fl-obbligu dwar il-ħatt l-art.	(2) Waqt il-Konsultazzjonijiet dwar is-Sajd bejn l-Unjoni u n-Norveġja tat-28 ta' Ġunju 2012, ġew speċifikati miżuri tekniċi u ta' kontroll komuni li għandhom jiġu applikati *fl-Iskagerrak*, lista ta' speċijiet li għandhom ikunu koperti minn obbligu ta' ħatt l-art tal-qabdiet kollha u l-iskeda li biha dawn l-ispeċijiet għandhom ikunu progressivament inklużi fl-obbligu dwar il-ħatt l-art. ***B'konsultazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti u mal-Grupp ta' Ħidma, il-Kummissjoni għandha tkun kapaċi tneħħi speċijiet mil-lista. Ma għandux ikun possibbli li speċijiet ġodda jiżdiedu qabel ma ssir l-ewwel valutazzjoni tal-miżuri wara li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ.***

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Is-settur tas-sajd ikollu jerfa' piż kbir iżżejjed jekk isiru tibdiliet fir-regoli attwali matul sena tal-kwota eżistenti. Tali tibdiliet għandhom għalhekk jiġu applikati mill-bidu tas-sena tal-kwota sħiħa li jmiss. Ir-regoli introdotti b'dan ir-Regolament għandhom għaldaqstant japplikaw mill-1 ta' Jannar 2014.

Ġustifikazzjoni

Ikun impossibbli li r-regoli jibdew japplikaw wara sitt xhur ta' sena tal-kwota. Għalhekk, l-obbligu ta' ħatt l-art tal-qabdiet kollha għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Sabiex jiġi eliminat progressivament il-ħut skartat, is-selettività tal-irkapti tas-sajd għandha titjieb billi jiżdied ir-rekwiżit ġenerali tad-daqs minimu tal-malji għas-sajd għall-ħut demersali iżda b'derogi li jippermettu l-użu ta' rkapti, inklużi apparati ta' selezzjoni li jkollhom l-istess selettività f'dawn l-attivitajiet tas-sajd. [Art. 6]	(7) Sabiex jiġi eliminat progressivament il-ħut skartat, is-selettività tal-irkapti tas-sajd għandha titjieb ***billi jiġu introdotti modifiki fl-irkaptu, inkluż*** billi jiżdied ir-rekwiżit ġenerali tad-daqs minimu tal-malji għas-sajd għall-ħut demersali iżda b'derogi li jippermettu l-użu ta' rkapti, inklużi apparati ta' selezzjoni li jkollhom l-istess selettività f'dawn l-attivitajiet tas-sajd. [Art. 6]

Emenda 5

Proposta għal Regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Għall-monitoraġġ xieraq tal-attivitajiet tas-sajd b'attenzjoni speċjali lejn li jiġi vverifikat li fuq il-baħar jitħares l-obbligu li jinħattu l-art il-qabdiet kollha ta’ stokkijiet soġġetti għal-limitazzjonijiet ta' qbid, jinħtieġ ***li titħaddem*** sistema ta' Monitoraġġ Elettroniku mill-Bogħod ('Remote Electronic Monitoring’ - REM) ***għall-bastimenti operati fi Skagerrak. [Art. 11]***	(12) Għall-monitoraġġ xieraq tal-attivitajiet tas-sajd b'attenzjoni speċjali lejn li jiġi vverifikat li fuq il-baħar jitħares l-obbligu li jinħattu l-art il-qabdiet kollha ta’ stokkijiet soġġetti għal-limitazzjonijiet ta' qbid, jinħtieġ li ***l-Istati Membri jistabbilixxu*** sistema ta' Monitoraġġ Elettroniku mill-Bogħod ('Remote Electronic Monitoring’ - REM). ***Is-sistema REM għandha tkun ibbażata fuq kontroll awtomatizzat; id-dejta għandha tiġi ttrattata f'konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta u ssir disponibbli għal raġunijiet ta' riċerka. L-effiċjenza tal-miżuri ta' kontroll se tiġi vvalutata wkoll f'konsultazzjoni mal-partijiet interessati relevanti u mal-Kummissjoni, il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Monitoraġġ, il-Kontroll u s-Sorveljanza, kif imsemmi fil-Minuti Maqbula tal-konklużjonijiet tal-kosultazzjonijiet tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u n-Norveġja tat-3 ta' Diċembru 2010 ("il-Minuti Maqbula"), sentejn wara li dan ir-Regolament ikun daħal fis-seħħ. Abbażi tal-informazzjoni li tinġabar, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-vijabbiltà ta' sistema ta' kontroll mifruxa li tarmonizza r-reġimi individwali.***

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Sabiex ikun hemm adattament għall-progress tekniku u xjentifiku f’waqtu u b’mod proporzjonat u biex tkun żgurata l-flessibilità u tkun permessa l-evoluzzjoni	(18) Sabiex ikun hemm adattament għall-progress tekniku u xjentifiku f’waqtu u b’mod proporzjonat u biex tkun żgurata l-flessibilità u tkun permessa l-evoluzzjoni

ta' ċerti miżuri, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-Anness I fir-rigward tal-iskeda ta' żmien u l-istokkijiet soġġetti għall-obbligu li jinħattu l-art il-qabdiet kollha u fir-rigward tal-emendar tal-Anness II li jikkonċerna *id-daqs* minimu ta' referenza għall-konservazzjoni.	ta' ċerti miżuri, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' ***definizzjoni ulterjuri tal-eċċezzjoni li tippermetti r-rilaxx tal-ħut ta' stokk f'xi każijiet meta jkun ta' benefiċċju għall-irkupru sostenibbli tal-istokk, kif ukoll fir-rigward*** tal-emendar tal-Anness I fir-rigward tal-iskeda ta' żmien u l-istokkijiet soġġetti għall-obbligu li jinħattu l-art il-qabdiet kollha u fir-rigward tal-emendar tal-Anness II li jikkonċerna *d-daqs* minimu ta' referenza għall-konservazzjoni. ***Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Il-Kummissjoni, meta qed tipprepara u tfassal atti delegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, fil-ħin u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex tappoġġa s-sajjieda fid-deċiżjoni dwar jekk qabda għandhiex tiġi rilaxxata fil-baħar.

Emenda 7

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi miżuri tekniċi u ta' kontroll ġodda ***fi Skagerrak***.	1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi miżuri tekniċi u ta' kontroll ġodda ***f'dawk iż-żoni tal-Iskagerrak li jaqgħu fi ħdan il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru***.

Ġustifikazzjoni

Ir-regolament jista' japplika biss għall-parti tal-Iskagerrak li taqa' fi ħdan il-ġurisdizzjoni tad-Danimarka u l-Iżvezja. Japplika għall-bastimenti tas-sajd kollha li joperaw f'dik il-parti tal-Iskagerrak Dan ifisser li l-istess miżuri għandhom japplikaw ukoll għall-bastimenti min-Norveġja, pereżempju, jekk joperaw fil-partijiet Svediżi jew Daniżi tal-Iskagerrak.

Emenda 8

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-bastimenti kollha tas-sajd li joperaw ***fi Skagerrak***.	2. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-bastimenti kollha tas-sajd li joperaw ***f'dawk iż-żoni tal-Iskagerrak li jaqgħu fi ħdan il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru***.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, flimkien mad-definizzjonijiet stabbiliti ***fl-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 850/98*** u fl-Artikolu 3 ***tar-Regolament Nru 2371/2002*** għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:	Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, flimkien mad-definizzjonijiet stabbiliti ***fl-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament (KE) Nru 850/98*** u fl-Artikolu 3 ***tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002,*** għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni tal-Iskagerrak tinsab fl-Artikolu 2 tar-Regolament 850/98.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni tfisser id-daqs għal speċi partikolari li taħtu l-bejgħ tal-qabdiet ikun ristett għal dak bħala ħut mitħun, ikel għall-annimali domestiċi jew prodotti oħra mhux maħsuba għall-konsum mill-bnedmin biss;	(b) Daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni tfisser id-daqs għal speċi partikolari***, fuq il-bażi tad-daqs tagħha meta tilħaq il-maturità,*** li taħtu l-bejgħ tal-qabdiet ikun ristrett għal dak bħala ħut mitħun, ikel għall-annimali domestiċi jew prodotti oħra mhux maħsuba għall-konsum mill-bnedmin biss;

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) Daqs tal-malji ta' kwalunkwe xibka tat-tkarkir, tartarun Daniż jew xibka rmunkata simili tfisser ***id-daqs*** tal-malji ta' kwalunkwe manka jew biċċa tal-estensjoni li jinstabu abbord bastiment tas-sajd;	(c) Daqs tal-malji ta' kwalunkwe xibka tat-tkarkir, tartarun Daniż jew xibka rmunkata simili tfisser ***il-fetħa mġebbda*** tal-malji ta' kwalunkwe manka jew biċċa tal-estensjoni li jinstabu abbord bastiment tas-sajd;

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) Xibka tat-tkarkir bit-travu tfisser *rkaptu* b'xibka tat-tkarkir miftuħa orizzontalment ***b'tubu tal-azzar jew tal-injam, mgħammra*** bi travu**,** u bi xbieki b'katini tal-art, twapet tal-ktajjen jew "tickler chains" rmunkata b'mod attiv fil-qiegħ mill-magna tal-bastiment;	(h) Xibka tat-tkarkir bit-travu tfisser *irkaptu* b'xibka tat-tkarkir miftuħa orizzontalment bi travu u bi xbieki b'katini tal-art, twapet tal-ktajjen jew "tickler chains" rmunkata b'mod attiv fil-qiegħ mill-magna tal-bastiment.

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt ja (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ja) Monitoraġġ Elettroniku mill-Bogħod (REM) ifisser sistema operata mill-awtoritajiet ta' Stat Membru li tissorvelja l-attivitajiet tas-sajd.

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt jb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(jb) Tagħmir ta' Ġbir u Trasferiment (CTE) ifisser sistema li tiġbor dejta u tittrażmettiha lill-REM u li tinkludi kamera CCTV TV, sistema ta' pożizzjonar globali (GPS), sensers u tagħmir ta' trażmissjoni.

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu - 3 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu -3 (ġdid)
	L-obbligu li jiġu minimizzati l-qabdiet ta' speċijiet mhux mixtieqa u ħut li għad irid jikber
	1. Kwalukwe persuna li tkun qiegħda twettaq attivitajiet ta' sajd fl-Iskagerrak għandha, kemm jista' jkun, tevita qabdiet ta' speċijiet mhux mixtieqa u qabdiet ta' ħut li d-daqs tiegħu jaqa' taħt id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni tal-ħut stipulat fl-Anness II, inter alia billi tagħżel tagħmir apposta u fejn u meta jsir l-isforz tas-sajd.
.	***2. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex jimminimizzaw il-qabdiet ta' speċijiet mhux mixtieqa u ta' qabdiet ta' ħut li d-daqs tiegħu jaqa' taħt id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni tal-ħut stipulat fl-Anness II, inkluż billi jagħmlu disponibbli tagħmir aktar selettiv, kif imsemmi fl-Artikolu 6.***

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu - 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu -3a (ġdid)
	L-obbligu li l-qabdiet kollha jiġu rapportati u rreġistrati
	1. Kwalukwe persuna li twettaq attivitajiet ta' sajd fl-Iskagerrak għandha tirreġistra l-qabdiet kollha fil-ġurnal ta' abbord, fejn tagħmel distinzjoni bejn:
	(a) ħut mill-istokkijiet imsemmija fl-Anness I;
	(b) qabdiet ta' ħut li d-daqs tiegħu jaqa' taħt id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni tal-ħut; kif ukoll
	(c) ħut minn stokkijiet oħrajn.
	2. Il-qabdiet kollha rreġistrati skont il-paragrafu 1 għandhom jiġu rrapportati lill-Kummissjoni jew lill-awtoritajiet tal-Istat Membru tal-bandiera.

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. B'deroga mill-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 850/98 il-qabdiet kollha tal-istokkijiet tal-ħut elenkati fl-Anness I għandhom jinġiebu u jinżammu abbord il-bastimenti tas-sajd u jinħattu l-art skont l-iskeda taż-żmien stipulat f'dak l-Anness, ***ħlief jekk il-ħut skartat ta' tali stokkijiet għandu rata ta' sopravvivenza għolja jew fejn il-piż għas-sajjieda biex ineħħu l-ispeċijiet mhux mixtieqa mill-qabda għal trattament separat huwa għoli f'livell mhux raġonevoli.***	1. B'deroga mill-Artikolu 19(1) tar-Regolament ***(KE) Nru*** 850/98 il-qabdiet kollha tal-istokkijiet tal-ħut elenkati fl-Anness I għandhom jinġiebu u jinżammu abbord il-bastimenti tas-sajd u jinħattu l-art skont l-iskeda taż-żmien stipulat f'dak l-Anness.

	1a. Minkejja l-obbligu li l-qabdiet kollha għandhom jiġu rreġistrati skont l-Artikolu 2a, l-obbligu li l-qabdiet kollha jinħattu l-art skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandux japplika għal speċi ta' ħut f'post tas-sajd speċifiku fejn ikun ġie stabbilit skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, li għandu rata ta' sopravivenza għolja, sakemm jista' jiġi separat mill-qabda prinċipali.
2. Minkejja l-paragrafu 1, u b'deroga mill-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 850/98, meta jsir sajd bi rkaptu li jkollu daqs tal-malji ugwali għal 32 mm jew inqas, il-qabdiet kollha tal-istokkijiet, inklużi l-istokkijiet ***li għalihom ma japplikax l-obbligu tal-ħatt l-art***, għandhom jinġiebu u jinżammu abbord il-bastimenti tas-sajd u jinħattu l-art.	2. Minkejja l-paragrafu 1, u b'deroga mill-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 850/98, meta jsir sajd bi rkaptu li jkollu daqs tal-malji ugwali għal 32 mm jew inqas, il-qabdiet kollha tal-istokkijiet, inklużi l-istokkijiet ***mhux elenkati fl-Anness I***, għandhom jinġiebu u jinżammu abbord il-bastimenti tas-sajd u jinħattu l-art.
3. Il-Paragrafu 1 ma għandux japplika għal sajd b'nases u kavetti.	3. Il-Paragrafu 1 ma għandux japplika għal sajd b'nases u kavetti.
4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati ***biex temenda*** l-Anness I abbażi tal-progress fl-informazzjoni xjentifika ***jew fejn il-piż għas-sajjieda jidher li huwa sproporzjonat mal-vantaġġi***.	4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati ***li jemendaw*** l-Anness I abbażi tal-progress fl-informazzjoni xjentifika ***u tal-esperjenzi miksuba matul l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. madankollu, l-ebda speċi ma għandha tiġi miżjuda mal-Anness I qabel l-ewwel reviżjoni ma tkun tlestiet skont l-Artikolu 15. Il-Kummissjoni għandha wkoll tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 16, filwaqt li tispeċifika meta qabda tista' tiġi rilaxxata skont il-paragrafu 1a. Qabel ma tadotta tali atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura koordinazzjoni xierqa mal-partijiet kollha involuti fis-sajd fl-Iskagerrak, bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-istess regoli japplikaw għaż-żona kollha tal-Iskagerrak.***
Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati skont l-Artikolu 16.	Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati skont l-Artikolu 16.

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jirritornaw lejn il-port il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom u li jżommu abbord ħut li l-Istat Membru ma jkollu l-ebda kwota għalih..	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ***li jieqfu mis-sajd immedjatament u*** jirritornaw lejn il-port il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom u li jżommu abbord ħut li l-Istat Membru ma jkollu l-ebda kwota għalih.

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fejn id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni huwa stabbilit għal stokk soġġett għall-Artikolu 3, il-bejgħ ta' qabdiet ta' dak l-istokk taħt id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni għandu jiġi limitat biss għall-ħut mitħun, ikel tal-annimali domestiċi, jew prodotti oħra mhux maħsuba għall-konsum mill-bnedmin***, jew għal finijiet ta' karità***.	1. Fejn id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni huwa stabbilit għal stokk soġġett għall-Artikolu 3, il-bejgħ ta' qabdiet ta' dak l-istokk taħt id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni għandu jiġi limitat biss għall-ħut mitħun, ikel tal-annimali domestiċi, jew prodotti oħra mhux maħsuba għall-konsum mill-bnedmin. ***Jekk jeħtieġ li tali qabdiet jinħażnu fuq l-art qabel ma jintremew, għandhom jinħażnu separatament minn qabdiet ta' ħut li d-daqs tiegħu jaqbeż id-daqs minimu għall-konservazzjoni tal-ħut.***

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex temenda l-Anness II abbażi tal-progress fl-informazzjoni xjentifika. ***Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati skont l-***	3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex temenda l-Anness II***, f'konformità mal-Artikolu 16,*** abbażi tal-progress fl-informazzjoni xjentifika ***sabiex tiżgura, wara konsultazzjonijiet mal-partijiet kollha***

Artikolu 16.

involuti f'attivitajiet ta' sajd fl-Iskagerrak, li d-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni tal-ħut huma konformi mad-daqs ta' ħut matur tal-ispeċijiet ikkonċernati, u tirrevedi d-daqsijiet tal-malji kif ikun xieraq. Meta tadotta atti ddelegati bħal dawn, il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tistabbilixxi daqsijiet minimi konġunti ta' referenza għall-konservazzjoni tal-ħut man-Norveġja sabiex toħloq ambjent ekwu. .

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Xbieki tat-tkarkir b'daqsijiet minimi tal-malji ***ta' inqas minn*** 32 mm jistgħu jintużaw ***sakemm*** il-qabda abbord ***fiha aktar minn 50 % ta' speċi pelaġika*** jew industrijali ***waħda jew aktar***.	(b) Xbieki tat-tkarkir b'daqsijiet minimi tal-malji ***ugwali għal*** 32 mm ***jew inqas*** jistgħu jintużaw ***għas-sajd ta' speċijiet ta' ħut pelaġiċi u industrijali; madankollu, jekk*** il-qabda abbord ***f'kull ħin matul il-vjaġġ tas-sajd tikkonsisti f'inqas minn 80% ta' wieħed jew aktar mill-ispeċijiet pelaġiċi*** jew industrijali, ***il-bastiment tas-sajd għandu jirritorna fil-port***.

Ġustifikazzjoni

Għandu jiġi ċċarat li xbieki tat-tkarkir b'daqs minimu tal-malji ta' 32 mm jew anqas jistgħu jintużaw biss għas-sajd ta' speċijiet pelaġiċi u industrijali. Il-limitu tal-proporzjon ta' speċijiet pelaġiċi jew industrijali fil-qabda qed jiżdied għal 80%.

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom joperaw sistema ta' Monitoraġġ Elettroniku mill-Bogħod (REM) għall-monitoraġġ tal-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd li	1. L-Istati Membri għandhom joperaw sistema ta' Monitoraġġ Elettroniku mill-Bogħod (REM) għall-monitoraġġ tal-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd li

jtajru l-bandiera tagħhom u li joperaw *fi Skagerrak.*	jtajru l-bandiera tagħhom u li joperaw *fl-Iskagerrak.*
2. Bastiment tas-sajd b'tul kumplessiv ta' 12-il metru jew aktar għandu jkollu installat abbord sistema ***REM*** li tiffunzjona bis-sħiħ li tikkonsisti ***f'għadd suffiċjenti ta'*** kameras ta' televiżjonijiet ta' ċirkwit magħluq (CCTV) abbord, GPS ***u*** sensers ***biex*** jingħata permess li jħalli l-port.	2. Bastiment tas-sajd b'tul kumplessiv ta' 12-il metru jew aktar ***li jkun qiegħed iwettaq attivitajiet ta' sajd fil-parti tal-Iskagerrak li tinsab fl-ibħra tal-Unjoni,*** għandu jkollu installat abbord sistema li tiffunzjona bis-sħiħ li tikkonsisti f'kameras ta' televiżjonijiet ta' ċirkwit magħluq (CCTV) abbord, ***sistema ta' pożizzjonar globali*** GPS, sensers ***u tagħmir ta' trażmissjoni (CTE) qabel ma*** jingħata permess li jħalli l-port.
3. Il-paragrafu 2 għandu japplika skont l-iskeda ta' żmien li ġejja:	3. Il-paragrafu 2 għandu japplika skont l-iskeda ta' żmien li ġejja:
(a) ***mill-1 ta' Jannar 2014*** għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul kumplessiv ta' 15-il metru jew aktar;	(a) ***mill-1 ta' Jannar 2015*** għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul kumplessiv ta' 15-il metru jew aktar;
(b) ***mill-1 ta' Lulju 2015*** għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul kumplessiv ta' 12-il metru jew aktar.	(b) ***mill-1 ta' Lulju 2016*** għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul kumplessiv ta' 12-il metru jew aktar.
4. ***Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni dwar l-aspetti li ġejjin tal-REM: l-affidabilità tas-sistema, l-ispeċifikazzjonijiet tas-sistema, id-dejta li għandha tiġi rreġistrata u pproċessata, il-monitoraġġ tal-użu tal-REM, jew xi elementi oħra meħtieġa għall-funzjonalità tas-sistema.***	4. ***Dejta rreġistrata minn Kameras CCTV għandha tkun awtomizzata bl-użu ta' softwer għar-rikonoxximent tal-immaġini u għandha tiġi ttrattata f'konformità mar-regoli u l-prinċipji applikabbli dwar il-protezzjoni tad-dejta***
	5. Il-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd għandu jipprovdi appoġġ għall-installazzjoni ta' kameras ta' televiżjonijiet b'ċirkwit magħluq (CCTV), ta' sistema ta' pożizzjonar globali GPS u ta' sensers u tagħmir għat-trażmissjoni tad-data (CTE).
	6. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni dwar l-aspetti li ġejjin tal-REM: l-affidabilità tas-sistema, l-ispeċifikazzjonijiet tas-sistema, id-dejta li għandha tiġi rreġistrata u pproċessata, il-monitoraġġ tal-użu tal-REM, jew xi elementi oħra meħtieġa għall-funzjonalità

	tas-sistema.
Dawk l-atti *ta' adozzjoni* għandhom jiġu adottati skont l-Artikolu 17.	Dawk l-atti *ta' implimentazzjoni* għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17.

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri kkonċernati għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament ***fit-tielet sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u*** u kull tliet snin wara dan	L-Istati Membri kkonċernati għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament ***sa …**** u kull tliet snin wara dan. ***L-ewwel rapport għadu jiffoka speċifikament fuq il-miżuri li ttieħdu mill-Istati Membri biex jimminimizzaw il-qabdiet ta' speċijiet mhux mixtieqa u qabdiet ta' ħut li d-daqs tiegħu jaqa' taħt id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni tal-ħut skont l-Anness II.*** **** Daħħal id-data ta' tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni, abbażi tar-rapporti mill-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 14 ***u flimkien ma' pariri xjentifiċi,*** għandha tevalwa l-impatt tal-miżuri fuq l-istokkijiet u s-sajd ikkonċernati fis-sena ta' wara dik li fiha tirċievi r-rapporti.	Il-Kummissjoni, abbażi tar-rapporti mill-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 14 ***u fuq il-bażi ta' pariri mingħand l-STECF, l-ICES u l-Kunsill Konsultattiv Reġjonali għall-Baħar tat-Tramuntana,*** għandha tevalwa l-impatt tal-miżuri fuq l-istokkijiet u s-sajd ikkonċernati fis-sena ta' wara dik li fiha tirċievi r-rapporti. ***L-ewwel evalwazzjoni għandha tiffoka fuq jekk il-miżuri f'dan ir-Regolament***

ikkontribwixxewx b'mod suffiċjenti għall-konservazzjoni sostenibbli tal-istokkijiet, dwar jekk miżuri addizzjonali biex jitnaqqsu l-qabdiet ta' speċijiet mhux mixtieqa u ta' qabdiet ta' ħut li d-daqs tiegħu jaqa' taħt id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni skont l-Anness II, humiex meħtieġa kif ukoll fuq l-impatt soċjoekonomiku fuq is-settur tas-sajd.

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-setgħat li jiġu adottati atti delegati ***kif imsemmi*** fl-Artikolu 3(4) u l-Artikolu 5(3) għandhom ***jingħataw lill-Kummissjoni*** għal perjodu ***ta' żmien mhux determinat***.	2. Is-setgħat biex jiġu adottati l-atti delegati ***msemmija*** fl-Artikolu 3(4) u l-Artikolu 5(3) għandhom ***jiġu kkonferiti fuq il-Kummissjoni*** għal perjodu ***ta' ħames snin minn ...*. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' tliet snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġġedded b'mod taċitu għal perjodi ta' żmien identiċi, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perjodu.*** __________ **** ĠU jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

Ġustifikazzjoni

Id-delega għandha tkun limitata fiż-żmien.

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fl-Artikolu 11(1), jiżdied it-tieni subparagrafu li ġej:	1. Fl-Artikolu 11(1), jiżdied it-tieni subparagrafu li ġej:
"Ir-reġim tal-isforz tas-sajd msemmi fl-ewwel subparagrafu ma għandux japplika *għal Skagerrak* ***mill-1 ta' Jannar 2013***."	"Ir-reġim tal-isforz tas-sajd msemmi fl-ewwel subparagrafu ma għandux japplika *għall-Iskagerrak* ***mill-1 ta' Jannar 2014***."

Ġustifikazzjoni

Adattament tad-data effettiva ġdida tal-obbligu tal-ħatt l-art.

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt (b) – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-kwantitajiet imsemmija fil-paragrafi (a) u (b) ma għandhomx jaqbżu	Il-kwantitajiet imsemmija fil-paragrafi (a) u (b) ma għandhomx jaqbżu
(i) ***fl-2013***, 20 % tal-kwota xierqa	(i) ***fl-2014***, 20 % tal-kwota xierqa
(ii) ***fl-2014***, 15 % tal-kwota xierqa u	(ii) ***fl-2015***, 15 % tal-kwota xierqa u
(iii) ***mill-2015***, 10 % tal-kwota xierqa.	(iii) ***mill-2016***, 10 % tal-kwota xierqa.

Ġustifikazzjoni

Adattament tad-data effettiva ġdida tal-obbligu tal-ħatt l-art.

Emenda 28

Proposta għal regolament
Anness I – kolonna 3 – ringieli 1-15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1 ta' Jannar 2013	***1 ta' Jannar 2014***

Ġustifikazzjoni

Adattament tad-data effettiva ġdida tal-obbligu tal-ħatt l-art.

Emenda 29

Proposta għal regolament
Anness I – kolonna 3 – ringieli 16-35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1 ta' Jannar 2015	***1 ta' Jannar 2016***

Ġustifikazzjoni

Adattament tad-data effettiva ġdida tal-obbligu tal-ħatt l-art.

Emenda 30

Proposta għal regolament
Anness III

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
ANNESS III	ANNESS III
Miżuri ta' kontroll u spezzjoni	Miżuri ta' kontroll u spezzjoni
1. Għall-finijiet ta’ kontroll u spezzjoni biex jiġi vverifikat il-livell ta' konformità mal-Artikoli 3 u 5, il-miżuri nazzjonali ta’ kontroll u spezzjoni għandhom jinkludu referenza għallinqas għal dan li ġej:	1. Għall-finijiet ta’ kontroll u spezzjoni biex jiġi vverifikat il-livell ta' konformità mal-Artikoli 3 u 5, il-miżuri nazzjonali ta’ kontroll u spezzjoni għandhom jinkludu referenza għallinqas għal dan li ġej:
(a) rekwiżiti ta' ġbir ta' kampjuni ta' qabda sħiħa fuq il-baħar u fil-port;	(a) rekwiżiti ta' ġbir ta' kampjuni ta' qabda sħiħa fuq il-baħar u fil-port;
(b) analiżi tad-dejta kollha elenkata fl-Artikolu 109(2)(a) u (b) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;	(b) analiżi tad-dejta kollha elenkata fl-Artikolu 109(2)(a) u (b) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;
(c) użu ta' sensers imwaħħla mal-irkapti;	(c) użu ta' sensers imwaħħla mal-irkapti;
(d) użu ta’ monitoraġġ elettroniku mill-bogħod (REM) li jikkonsisti minn televiżjonijiet ta' ċirkwit magħluq (CCTV), GPS u sensers;	(d) CTE biex tinġabar u tiġi trasferita dejta fl-ordni mitlub lir-REM rilevanti;
(e) flotta ta' referenza għall-attivitajiet ewlenin tas-sajd *fi Skagerrak*, jew bl-użu	(e) flotta ta' referenza għall-attivitajiet ewlenin tas-sajd *fl-Iskagerrak*, jew bl-użu

ta' REM inkella bl-osservaturi;	ta' REM inkella bl-osservaturi;
(f) programm xjentifiku ta' ġbir ta' kampjuni dwar il-ħut skartat li jkopri l-attivitajiet ewlenin tas-sajd *fi Skagerrak.*	(f) programm xjentifiku ta' ġbir ta' kampjuni dwar il-ħut skartat li jkopri l-attivitajiet ewlenin tas-sajd *fl-Iskagerrak.*
2. Għall-finijiet ta’ kontroll u spezzjoni biex jiġi vverifikat il-livell ta' konformità mal-Artikolu 6, l-Artikolu 7 u l-Artikolu 8, il-miżuri nazzjonali ta’ kontroll u spezzjoni għandu jinkludi referenza għallinqas għal dan li ġej:	2. Għall-finijiet ta’ kontroll u spezzjoni biex jiġi vverifikat il-livell ta' konformità mal-Artikolu 6, l-Artikolu 7 u l-Artikolu 8, il-miżuri nazzjonali ta’ kontroll u spezzjoni għandu jinkludi referenza għallinqas għal dan li ġej:
(a) il-mezzi umani u tekniċi allokati;	(a) il-mezzi umani u tekniċi allokati, ***u jekk ikun meqjus meħtieġ, CTE biex tinġabar u tiġi trasferita data fl-ordni preskritt għar-REM rilevanti;***
(b) l-istrateġija ta’ spezzjoni, inkluż il-livell ta’ spezzjonijiet fuq il-baħar u fuq l-art u tas-sorveljanza.	(b) l-istrateġija ta’ spezzjoni, inkluż il-livell ta’ spezzjonijiet fuq il-baħar u fuq l-art u tas-sorveljanza.
3. Linji ta' referenza għal spezzjoni	3. Linji ta' referenza għal spezzjoni
L-Istati Membri kkonċernati għandhom jassenjaw l-ogħla livell ta’ riskju għal sajd li jsir *fi Skagerrak* fis-sistema tagħhom għall-ġestjoni tar-riskju stabbilita skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. Fattur separat tar-riskju għandu jiġi stabbilit għal bastimenti li jistadu *fi Skagerrak* u ilmijiet oħra tal-Unjoni matul l-istess vjaġġ tas-sajd u għandhom jiġu assenjati ukoll għall-ogħla livell ta’ riskju.	L-Istati Membri kkonċernati għandhom jassenjaw l-ogħla livell ta’ riskju għal sajd li jsir *fl-Iskagerrak**,*** ***għajr jekk jitwettaq minn bastimenti tas-sajd mgħammra bis-CTE jew b'nases u kavetti*** fis-sistema tagħhom għall-ġestjoni tar-riskju stabbilita skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. Fattur separat tar-riskju għandu jiġi stabbilit għal bastimenti li jistadu *fl-Iskagerrak* u ilmijiet oħra tal-Unjoni matul l-istess vjaġġ tas-sajd ***għajr bastimenti mgħammra bis-CTE jew b'nases u kavetti*** u għandhom jiġu assenjati ukoll għall-ogħla livell ta’ riskju. ***Is-sajd imwettaq permezz ta' bastimenti tas-sajd mhux mgħammra bis-CTE jew sajd b'nases u kavetti jista' jiġi assenjat l-ogħla livell ta' riskju, iżda biss wara valutazzjoni tal-bastiment jew speċifika għas-sajd.***
	4. Ugwaljanza fil-miżuri ta' kontroll
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-piż tal-miżuri ta' kontroll huwa proporzjonali, b'mod raġonevoli, għall-livell ta' kontroll meħtieġ. F'dan ir-rigward, għandu jitqies b'mod speċifiku

jekk il-bastiment huwiex mgħammar b'sistema CTE.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-proposta tal-Kummissjoni

Mill-1986 is-sajd fl-Iskagerrak kien irregolat minn ftehim internazzjonali. In-Norveġja ddenunzjat dan il-ftehim Id-denunzja kellha effett fl-1 ta' Novembru 2012. Ftehim limitat ġdid qiegħed jiġi negozjat, iżda mhuwiex ċar meta se jidħol fis-seħħ. Matul il-konsultazzjonijiet dwar is-sajd fl-2010 bejn l-UE u n-Norveġja ġie miftiehem li jitwaqqaf Grupp ta' Ħidma biex jagħmel suġġerimenti dwar kif is-sajd għandu jsir f'sitwazzjoni mingħajr ftehim tas-sajd. Fost is-suġġerimenti tal-Grupp ta' Ħidma kien hemm it-titjib tal-miżuri ta' kontroll ta' infurzar fis-sajd fl-Iskagerrak u rakkomandazzjoni dwar modi biex ir-regoli tal-miżuri tekniċi ta' kontroll tal-UE u tan-Norveġja jiġu armonizzati fiż-żona erba' mili nawtiċi 'l barra mil-linji bażi. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma kienu inklużi fil-Minuti Maqbula bejn l-UE u n-Norveġja f'Bergen fit-2 ta' Diċembru 2011. Il-proposta għal Regolament tibni parzjalment fuq ir-Rekord Miftiehem.

L-opinjoni tar-rapporteur

L-għan ewlieni tal-proposta hu li tiġi stabbilita projbizzjoni tar-rimi fl-Iskagerrak. L-ordni preżenti fejn f'xi każijiet partijiet pjuttost kbar tal-qabdiet totali jintremew lura fil-baħar huwa forsi dak li hu l-aktar diffiċli biex jiġi mifhum u jiġi appoġġat fil-Politika Komuni tas-Sajd mill-pubbliku ġenerali. Li ħut perfettament f'saħħtu jitwaddab lura fil-baħar fi żmenijiet li fihom qegħdin nissieltu biex nitimgħu l-popolazzjoni tad-dinja jitqies bħala inkomprensibbli u saħansitra immorali.

Il-proposta tqiegħed fis-seħħ obbligu ta' ħatt fl-art u r-regoli ta' appoġġ meħtieġa biex jiġi kkontrollat u spezzjonat li l-obbligu ġie segwit. L-istrument prinċipali tal-leġislatur biex iċ-ċittadini jsegwu r-regoli hu li r-regoli li jfassal jitqiesu bħala ġusti u ekwi. Iċ-ċittadini jixtiequ jirrispettaw il-liġi iżda dan jagħmluh biss kontra qalbhom jekk iqisuha inġusta. L-istrument ewlieni biex il-projbizzjoni tar-rimi fl-Iskagerrak isir ftehim ġust - l-opportunitajiet tas-sajd, il-kwoti - ma jaqax taħt is-setgħat tal-Parlament Ewropew.

1) Dħul fis-seħħ

Il-Kummissjoni pproponiet li l-obbligu ta' ħatt l-art għandu jkollu effett mill-1 Jannar 2013. Peress li huwa daqstant marbut mill-qrib mar-regoli dwar il-kwoti, għandu raġonevolment jidħol fis-seħħ fil-bidu ta' sena tal-kwoti. Peress li mhux se jkun possibbli li r-regoli jidħlu fis-seħħ qabel tmiem din is-sena, huma għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014.

2) Kamp ta' applikazzjoni ġeografiku

Il-ftehim bejn in-Norveġja u l-UE jfisser li s-sajd fl-Iskagerrak għandu jiġi regolat mir-regoli tal-istat kostali. Ir-regolament jistipula r-regoli applikabbli għaż-żoni tal-Iskagerrak li jaqgħu fi ħdan il-ġurisdizzjoni tad-Danimarka u l-Isvezja. Ikun applikabbli għall-bastimenti kollha tas-sajd f'dawk iż-żoni, inklużi l-bastimenti min-Norveġja. B'mod reċiproku, il-bastimenti tal-UE jkunu soġġetti għal regoli Norveġiżi meta jsir sajd fil-parti tal-Iskagerrak li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tan-Norveġja.

3) L-obbligu tal-ħatt l-art tal-qabdiet kollha

Il-proposta tistabbilixxi l-obbligu li jinħatt l-art ħut li b'kollox huwa tal-25 speċi msemmija fl-

Anness 1 għar-Regolament. Ħut ta' dawn l-ispeċi jista' madankollu jiġi rilaxxat jew jintefa' lura fil-baħar jekk huwa probabbli li għandu rata ta' sopravivenza għolja. Ir-rata preċiża ta' sopravivenza mhijiex madankollu daqshekk importanti, iżda l-element deċiżiv għandu jkun jekk ir-rilaxx tal-qabda lura fil-baħar ikunx ta' benefiċċju għall-konservazzjoni sostenibbli tal-ispeċi. Barra minn hekk, jekk il-qabda prinċipali tista' tiġi rilaxxata jew tintefa' lura fil-baħar, xi ħut li ma għandux rata ta' sopravivenza għolja jista' jintefa' lura fil-baħar fl-istess ħin jekk ikun ta' piż kbir wisq għas-sajjieda li joqogħdu jagħżluh mill-qabda. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex tappoġġa d-deċiżjoni tas-sajjieda fir-rigward ta' din il-kwistjoni.

4) Kwoti skont ir-regoli ġodda

L-għan tar-Regolament mhuwiex li jibdel ir-rata ta' mortalità fl-Iskagerrak. Dik hija kwestjoni rregolata mill-pjanijiet multiannwali. Bl-introduzzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art, il-kwoti, it-TACs fil-fatt se jsiru dak li t-tifsira litterali tagħhom tidher li tfisser.Bl-obbligu ta' ħatt l-art, il-ħut kollu maqbud (li l-ebda eċċezzjoni ma tapplika għalih) għandu jinħatt l-art. Fil-preżent TAC tfisser il-Qabdiet Totali Permissibbli. Għaldaqstant, it-TACs għandhom jiġu aġġustati sabiex jirrappreżentaw x'inhuma l-qabdiet attwali fl-Iskagerrak issa, qabel ir-rimi. Ma teżisti l-ebda informazzjoni affidabbli dwar kemm jintrema ħut fil-verità, iżda huwa ċar li ż-żieda tat-TACs għandha tkun sostanzjali.

5) Mistoqsijiet primarjament speċifiċi għas-sajd ta' ħut pelaġiku.

Il-kundizzjonijiet speċifiċi għas-sajd ta' ħut pelaġiku iqajmu għadd ta' mistoqsijiet. L-ewwel hi li r-regola li l-qabda għandha tinqata' mill-kwoti tista' ma tkunx prattika fir-rigward tal-ġestjoni tal-qabda fis-sajd ta' ħut pelaġiku u dak industrijali. Regola restrittiva fir-rigward tal-qabdiet imħallta għandha tiġi introdotta li permezz tagħha s-sajjieda jkunu jistgħu, taħt kundizzjonijiet ċari, jaqtgħu l-qabdiet kollha tagħhom mill-kwota tal-qabda prinċipali. Biex is-sajjieda jieħdu vantaġġ minn din ir-regola, jista' jkun li jkollhom jistabbilixxu CTE. Jekk ma jattrezzawx il-bastimenti tagħhom b'dan il-mod, jista' jkun li jkollhom jagħżlu l-qabdiet sħaħ tagħhom. Kwistjoni oħra hija l-użu tax-xbieki tat-tkarkir li huma speċifiċi għal din il-parti tal-industrija. Il-limitu applikabbli meta jintużaw xbieki tat-tkarkir bħal dawn għandu jiżdied għal 80%.

6) Il-ġestjoni tal-ħut mhux matur

Mhuwiex xieraq li ħut mhux matur jinbiegħ għal finijiet ta' karità. Kien ikun possibbli li tiġi emendata d-dispożizzjoni sabiex il-ħut mhux matur jista' jingħata għal finijiet ta' karità, iżda peress li ma hemm ebda tali tradizzjoni fl-Istati Membri tal-madwar l-Iskagerrak, tali dispożizzjoni mhix se jkollha lok fir-Regolament.

7) Monitoraġġ Elettroniku mill-Bogħod

Huwa propost li l-Istati Membri tal-bandiera ta' bastimenti li joperaw fl-Iskagerrak għandhom jistabbilixxu u joperaw sistema ta' Monitoraġġ Elettroniku mill-Bogħod (REM). Din il-parti tal-proposta hija raġonevoli.

Mistoqsija importanti hi kif se jkun hemm kontroll fi ħdan is-sistema REM. Il-mod tradizzjonali hu li l-filmat u l-informazzjoni l-oħra jiġu trażmessi lill-awtorità ċentrali li tmexxi r-REM u jiġu skrutinizzati minn uffiċjali. Madanakollu, recognition software modern jippermetti kontroll awtomatizzat tal-informazzjoni. Dan ifisser li s-softwer jiskenja l-filmat mill-conveyor belt jew minn post ieħor fejn il-qabda tittella' abbord u jagħraf l-ispeċi, in-numru u d-daqsijiet tal-ħut u jara li l-ebda ħut tal-ispeċijiet msemmija fl-Anness 1 ma jħalli l-

bastiment tas-sajd. Għaldaqstant il-kontroll mill-bniedem tal-filmat u informazzjoni oħra pprovduta lir-REM jista' jiġi limitat għal każijiet meta l-kontroll awtomatizzat ma setax jeskludi l-irregolaritajiet. Barra minn hekk, l-awtorità nkarigata bit-tmexxija tas-sistema REM se jkollha biss iżżomm l-informazzjoni pprovduta mis-CTE f'każijiet bħal dawn. Dan se joffri benefiċċji kemm fir-rigward tal-privatezza tas-sajjieda kif ukoll tal-ispejjeż tal-awtorità nkarigata bit-tmexxija tas-sistema REM. Is-sajjieda għandhom dejjem ikunu jistgħu jżommu l-informazzjoni għall-finijiet tagħhom. Id-data tista' per eżempju tgħinhom jirfinaw l-isforzi tas-sajd tagħhom u timmassimizza l-profitti tagħhom. Sistema bħal din tindaħal ħafna inqas fil-ħajja privata tas-sajjieda. U, barra minn hekk, il-kwalità tal-kontroll awtomatizzat għandha tkun tali li l-iskrutinju jista' jsir konklużiv. Jekk ebda irregolarità ma tinstab waqt il-kontroll awtomatizzat, il-vjaġġ tas-sajd għandu jiġi meqjus li hu f'konformità mar-regoli sa fejn dawn ikunu kontrollati mis-sistema REM. Għaldaqstant, dawk is-sajjieda li huma konformi mal-liġi diġà se jkollhom "it-timbru OK" mill-awtoritajiet meta jħottu l-ħut l-art.

8) Il-ġbir u t-tagħmir tat-trasferiment

Il-Kummissjoni pproponiet l-obbligu li l-bastimenti kollha ta' tul ta' 12-il metru jew aktar għandhom ikunu mgħammra b'tagħmir li jiġbor informazzjoni u jittrasferixxiha lir-REM (CTE). Is-CTE tinkludi kamera CCTV, sistema ta' pożizzjonar globali (GPS), sensers u apparat ta' trasmissjoni. Tali obbligu jqajjem diversi mistoqsijiet kemm fir-rigward tal-piż ekonomiku għas-settur, iżda wkoll - u forsi prinċipalment - fir-rigward tal-aspetti relatati mar-rispett għall-ħajja privata tas-sajjieda.

Fir-rigward tal-kwistjoni tal-piż ekonomiku għas-settur, il-kwistjoni dwar id-disponibblità ta' kofinanzjament għall-installazzjonijiet abbord il-bastimenti u sa liema livell huwa disponibbli, hija essenzjali. L-ebda informazzjoni ċara ma tressqet s'issa, iżda ġie ddikjarat li kofinanzjament se jkun dispobibbli u l-livell tiegħu se jkun madwar 50%. Il-pożizzjonijiet fir-rigward tal-kwistjoni tal-introduzzjoni ta' sistema REM ittieħdu fid-dawl tal-preżunzjoni li din l-informazzjoni hija korretta b'mod raġonevoli.

Anki jekk il-piż ekonomiku għas-sajjieda jittaffa, it-tħassib fir-rigward tal-privatezza tagħhom huwa tali li s-CTE għandha tiġi introdotta biss pinċipalment fuq bażi volontarja. Huwa biss fir-rigward ta' bastimenti li nstabu mhux konformi mar-regoli ġodda, f'diversi okkażjonijiet, li obbligu jkun proporzjonali. F'dan il-każ l-awtoritajiet nazzjonali għandhom ikunu jistgħu jobbligaw lis-sidien tal-bastimenti jarmaw CTE jew inkella jibqgħu fil-port .

Madankollu, ikun hemm numru ta' benefiċċji mill-perspettiva tas-soċjetà li kieku s-sidien tal-bastimenti kellhom jarmaw il-bastimenti tagħhom b'CTE. Fuq dan l-isfond, inċentivi ulterjuri flimkien mal-kofinanzjament għandhom jingħataw lil dawk li jagħmlu proprju dan. Ikun ġust li kwoti addizzjonali jitqassmu lil dawk is-sajjieda li jħaddnu r-regoli ġodda u huma lesti li juru dan billi jimplimentaw sistema CTE.

Permezz ta' sistema volontarja l-leġiżlatur jista' wkoll jevita kwistjonijiet dwar id-daqsijiet tal-bastimenti u dwar meta l-obbligu għandu jidħol fis-seħħ. Jista' jitħalla f'idejn is-sidien tal-bastimenti individwali li jevalwaw il-benefiċċji u jiddeċiedu jekk iridux jarmaw il-bastimenti tagħhom b'CTE jew le.

Barra minn hekk, il-ħtieġa għal miżuri ta' kontroll tradizzjonali għandha tkun anqas fir-rigward ta' bastimenti mgħammra b'sistema CTE. Fir-rigward ta' miżati ta' kontroll imposti fuq il-qabdiet, għandu jkun hemm lok li ssir distinzjoni mbagħad bejn bastiment li huwa mgħammar b’tagħmir bħal dan u bastiment li mhuwiex. Anke jekk l-ebda miżata ta' kontroll

ma tiġi imposta, is-sempliċi fatt li l-qabdiet tal-bastimenti mgħammra b'CTE se jkunu anqas frekwenti, ikun ta' benefiċċju għas-sajjieda. Il-miżuri ta' kontroll għandhom effett fuq il-prezz tal-ħut minbarra li jieħdu ż-żmien.

Barra minn hekk, minħabba l-fatt li l-kontroll awtomatizzat ikun konklużiv, is-sajjieda għandhom ikunu jistgħu jagħtu prova fil-mument tal-ħatt l-art li l-qabda hija "ħielsa minn rimi" u dan normalment iwassal għal prezzijiet aktar għoljin. Fir-rigward b'mod speċifiku għas-sajd ta' ħut pelaġiku, is-sajjieda li jinstallaw CTE jkunu jistgħu jibbenefikaw mir-regoli speċifiċi dwar il-qabdiet imħallta. L-istess japplika għas-sajjieda li jistadu kemm fl-Iskagerrak kif ukoll f'ibħra oħra fejn il-qabda għandha tinqata' mill-kwota tagħhom.

PROĊEDURA

Titolu	Miżuri tekniċi u ta' kontroll fi Skagerrak u emenda tar-Regolament (KE) Nru 850/98 u tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008
Referenzi	COM(2012)0471 – C7-0234/2012 – 2012/0232(COD)
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	29.8.2012
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	PECH 11.9.2012
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 11.9.2012
Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni	ENVI 12.9.2012
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Werner Kuhn 6.9.2012
Eżami fil-kumitat	19.9.2012 6.11.2012 17.12.2012
Data tal-adozzjoni	18.2.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 19 –: 0 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	John Stuart Agnew, Kriton Arsenis, Alain Cadec, Chris Davies, Carmen Fraga Estévez, Pat the Cope Gallagher, Dolores García-Hierro Caraballo, Iliana Malinova Iotova, Werner Kuhn, Isabella Lövin, Gabriel Mato Adrover, Maria do Céu Patrão Neves, Crescenzio Rivellini, Ulrike Rodust, Raül Romeva i Rueda, Struan Stevenson, Isabelle Thomas, Nils Torvalds, Jarosław Leszek Wałęsa
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Jean-Paul Besset, Ole Christensen, Diane Dodds, Julie Girling
Data tat-tressiq	27.2.2013